# Tifkiriet tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali 1913



*minn Mario FENECH*

**Għaddew** disgħin sena minn meta f'Malta kien sar wieħed mill-akbar avvenimenti reliġjużi li qatt sar f'dan il-pajjiż, avveniment li baqa' jissemma għall-bosta snin, u jibqa' jiġi mfakkar kemm għall-kobor tiegħu, kif ukoll għall-organizzazzjoni kbira li kienet saret biex kollox isir kif ippjanat. Kien Kungress Ewkaristiku li ġie ċċelebrat f'diversi lokalitajiet bil-qofol tiegħu ikun fil-Belt Valletta, fejn saru funzjonijiet imponenti li għal dak iż-żmien kienu meqjusa bħala uniċi.

Meta ġew biex ifasslu l-programm ta' dan il-Kungress, l-organizzaturi ħasbu biex waħda mill-funzjonijet issir fir-Rotunda tal-Mosta - Knisja Monumentali li żgur kienet ser tħalli impressjoni tajba ma' dawk id-Dinjitarji tal-Knisja Universali li kienu ser jattendu għal dan il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali.

Meta l-Mostin semgħu li l-Knisja tagħhom, mibnija b'tant sagrifiċċji u bżulija kienet ġiet magħżula biex tilqa' fiha waħda mill-funzjonijiet ta' dan il-Kungress famuż, mill-ewwel ħasbu biex ilibbsu t-triq ewlenija ta' quddiem ir-Rotunda u l-Pjazza bl-aħjar mod possibbli. Okkażjoni bħal din kienet ġiet dokumentata minn għadd ta' ritratti li ġew miġbuda minn diversi fotografi. Minn dawn ir-ritratti għandi xi ftit fil-kollezzjoni privata tiegħi, u xtaqt li naqsam magħkom xi kummenti dwarhom.



1.



2.

1. L-ewwel ritratt naraw fih it-tarf tat-triq li kienet twasslek lejn ir-Rotunda. Hawnhekk kien ġie mwaqqaf dan l-ark bi skrizzjoni fuqu li tagħti merħba lil dawk li kienu ser jersqu lejn il-qalba tar-raħal għal dan il-Kungress.
2. Nidħlu aktar 'il ġewwa, lejn il-Knisja, fejn naraw in-nies libsin l-aħjar ilbies tagħhom sejrin lejn il-Pjazza biex jilħqu post tajjeb minn fejn kienu ser isegwu l-Funzjoni.
3. Fit-tielet ritratt naraw kif kienu ġew armati l-pjazza u t-toroq viċin ir-Rotunda. L-armar huwa wieħed organizzat u maħdum għall-okkażjoni. Ta' min jinnota li l-bini ta' fuq il-lemin għadu pattikament l-istess sal-lum il-ġurnata, u li z-zuntier kien għadu dak oriġinali, jiġifieri mingħajr iċ-ċint li hemm idawru, il-monument huwa l-wasla tal-Kardinali Lualdo, Bourne u Al Marey Y Santos.



3.

Il-lum l-armar tal-festi nbidel u sar aktar prominenti fil-festi tagħna. Ħafna huma dawk li jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex ikomplu din it-tradizzjoni tagħna l-Maltin, li meta tasal il-festa narmaw mhux biss il-Knisja u d-dar tagħna iżda wkoll it-toroq ewlenin tal-Parroċċa. Min jaf, forsi xi darba jkollna l-okkażjoni li naraw f'pajjiżna xi avveniment ieħor bħal dan li tkellimt dwaru f'dan l-artiku, biex naraw it-toroq tal-bliet u ta' l-irħula tagħna armati bl-istess mod u volum li kienu ġew armati bihom disgħin sena ilu.

Il-Festa t-tajba lill-Mostin kollha.